**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Omissis**
**Christopher Scerri**

**Illum 17 ta' Gunju, 2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Omissis** detentur tal-karta ta' l-identita' numru 207978(M) u **Christopher Scerri** detentur tal-karta ta' l-identita' numru 419778(M) billi huwa akkuzat talli nhar is-06 ta' Settembru 2009, ghall-habta tat-tmienja nieqes kwart ta' filghodu, ikkommetta serq minn gewwa r-residenza bl-isem Tesant, li tinsab fi Triq Wied il-Ghajn, Zabbar, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-lok, u dan ghad-detriment ta' Maria Teresa u Anthony Lia minn Haz Zabbar u/jew persuna jew persuni ohra;

Talli kiser il-provedimenti ta' l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta billi kkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu ta' sentenza sospiza ghal erba' snin moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr Saviour Demicoli LL.D, fl-14 ta' Novembru 2007, kif ukoll sentenza sospiza ghal sentejn moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr Michael Mallia LL.D, fl-14 ta' Jannar 2008;

U akkuzat aktar talli kiser il-provedimenti ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr Audrey Demicoli LL.D, nhar is-16 ta' Novembru 2007.

Akkuzat ukoll talli renda ruhu recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

**IKKUNSIDRAT;**

Illi dan il-kaz gie assenjat lil din il-Qorti b'digriet tal-Prim Imhallef fit-22 ta' Frar 2019 (*a fol* 480) wara li s-sentenza li nghatat mill-ewwel Qorti fl-24 ta' Settembru 2018 (*a fol* 450) kienet annullata mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Frar 2019 (*a fol* 466);

Il-Prosekuzzjoni u d-Difiza fis-6 ta' Marzu 2019 ezentaw lill-Qorti li tisma' mill-gdid il-provi (*a fol* 481);

Fis-6 ta' Marzu 2019 l-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma ghandiex aktar provi xi tressaq (*a fol* 492);

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol. 491)* datata 16 ta' Mejju 2019 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

- Fl-artikoli 261(b), 261(c), 261(e), 263, 264, 265, 267, 269, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 28A, 28B, u 28F tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 7 u 23 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
- Fl-artikoli 17, 23, 31, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi waqt l-udjenza tal-24 ta' Mejju 2019 (*a fol. 492)* gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fis-16 ta' Mejju 2019, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja;

Fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2019 d-difiza ddikjarat li ma kelliex provi xi tressaq hlief li tipprezenta vera kopja ta' sentenzi u dan in vista tal-fatt halli ma jkunx sentenzjat doppjament ta' xi akkuzi migjuba kontrih li diga gie ssentenzjat dwarhom. Il-Qorti tat zmien sal-15 ta' Lulju 2019 (*a fol. 493);*

Fis-17 ta' Settembru 2019 il-Qorti nfurmat lill-partijiet illi stante li d-difiza ma dahlitx in-nota li kellha ddahhal sal-15 ta' Lulju 2019 dwar sentenzi li jista' jkun li skonta l-imputat, il-Qorti qieghda taghti estenzjoni lid-difiza biex iddahhal in-nota sat-30 ta' Settembru 2019. Minhabba din is-sitwazzjoni, l-Qorti ma setghetx taghti s-sentenza fl-10 ta' Ottubru 2019 u ddiferiet l-kawza ghat-22 ta' Novembru 2019 fid-09:00 ghas-sentenza (*a fol. 495).*

Rat in-nota ta' Christopher Scerri tad-19 ta' Novembru 2019 li permezz taghha pperzenta sentenza datata 20 ta' Novembru 2017 deciza mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli (*a fol* 496).

**<u>Dewmien</u>**

Il-Qorti tfakkar li dan il-kaz kellu l-bidu tieghu fis-6 ta' Settembru 2009 meta sehhet is-serqa. Il-kaz kien deciz mill-ewwel Qorti fl-24 ta' Settembru 2018, disa' (9) snin wara. L-Appell kien deciz fi zmien hames (5) xhur fl-14 ta' Frar 2019. Il-kaz beda jinstema' mill-gdid minn din il-Qorti wara l-assenjazzjoni tat-22 ta' Frar 2019 u seta' jmur ghas-sentenza fid-19 ta' Novembru 2019 ghaliex il-Qorti kellha tistenna lid-difiza ddahhal nota kif talbet li taghmel qabel tiddelibera u tiddeciedi dwar il-kaz u dan minhabba dak dikjarat mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet il-**Pulizija vs Maria Concetta Vella** deciz fl-20 ta' Settembru 2019 fejn sentenza kienet annullata ghaliex l-imputata ghalkemm inghatat cans wara l-iehor, anke bidlet l-avukati aktar minn darba, ma dahlitx nota ta' sottomissjonijiet u meta kienet se tinghata s-sentenza tfacca avukat iehor fejn talab li l-imputata tinghata cans biex iddahhal nota. Il-Qorti tal-

Appell qalet li l-Qorti kellha tistenna lill-imputata ddahhal nota qabel inghatat is-sentenza.

Il-kwistjoni ta' dewmien regghet kienet tratta ricentament mill-Imhallef Edwina Grima fil-kaz fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Jerken Decelis** deciza fit-8 ta' Jannar, 2020:

> Illi kemm il-Qorti Kostituzzjonali kif ukoll dik Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem sahhqu diversi drabi li ghalkemm kull kaz ghandu jitqies individwalment, madanakollu meta l-kaz jitwal eccessivament anke jekk dan ikun ukoll imputabbli ghal persuna akkuzata jkun hemm lezjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli ukoll ghaliex huwa fid-dmir tal-qorti illi tara illi trazzan dan id-dewmien ingustifikat.
>
> **"Issa dwar dewmien fil-kawza deciza minn din il-Qorti kif presjeduta Rikors Nru. 624/97 FS fl-ismijiet Joseph Attard vs Avukat Generali deciza fit-8 ta' Gunju, 2000 gie studjat kaz simili hafna u ghalhekk il-Qorti sejra tirriproduci part estensiva minn dik is-sentenza. Hemm intqal:**
>
> **"Il-Kostituzzjoni ta' Malta [Art 39] kif ukoll il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem [Art 6] jiggarantixxu lil kull persuna akkuzata b'reat kriminali smieh xieraq fi zmien ragonevoli. Dan hu minhabba:**
>
> **§ Id-dewmien ipoggi fil-periklu l-effettivita u l-kredibilta' tal-gustizzja [Ara H. vs France, Qorti, 24 ta' Ottubru 1989];**

**§ Hemm bzonn li jigi assigurat lill-akkuzat l-opportunita' ta' difiza xierqa w effettiva [Ara Stephanos Stavros – The guarantees for Accused Persons under Article 6 of the European Convention on Human Rights – pagni 77 et: "*The right to a speedy trial has traditionally been perceived as protecting two basic rights of the accused. First the accused should not for an unduly long period remain in a state of uncertainty about his fate or be subjected to a series of disabilities normally associated with the initiation of criminal proceedings. Secondly speedy proceedings are designed to safeguard the right of the accused to mount an effective defence; the passage of time may result in the loss of exculpatory evidence*".**

**§ Id-dewmien ihalli lill-akkuzat ghal zmien twil fi stat ta' incertezza fuq il-verdett tal-innocenza jew ir-reita' tieghu u naturalment id-destin tieghu;**

**§ Proceduri Kriminali fit-tul ghandu effett negattiv fuq ir-reputazzjoni tal-akkuzat.**

**….. Il-gurisprudenza stabbilit tlitt kriterji principali indikattivi tar-ragonevolezza ta' dan it-tul taz-zmien:**

**§ Il-komplessita' tal-kaz;**

**§ Il-mod kif il-proceduri kriminali gew kondotti mill-Qorti; hawn wiehed irid iqis il-kwantita' enormi ta' xoghol li jinsabu mghaffsa bih il-Qrati taghna, u l-fatt li ghandha tinghata precedenza lil min qieghed taht arrest preventiv; izda il-piz enormi tax-xoghol fuq il-Qorti, u l-fatt li l-Qorti ppruvat taghmel dak li hu umanament possibli ma jwassalx ghal gustifikazzjoni ta' dewmien irragonevoli li kull akkuzat ma ghandux ibaghti;**

**§ Il-kondotta tal-applikant – hawn irid jinghad li ghalkemm b'rizultat ta' eccezzjonijiet u mossi tattici akkuzat jista' facilment itawwal il-kors tal-proceduri dawn ma ghandhomx jaffetwaw ir-ragonevolezza tad-dewmien sakemm ma jkunux kapriccuzi jew frivoli, u naturalment fl-istess kriterju ta' dewmien ragjonevoli in-natura ta' dawn l-eccezzjonijiet iridu jittiehdu in konsiderazzjoni.[1]"**

**"Huwa wkoll rilevanti L-agir tar-rikorrent fil-proceduri kriminali kontra tieghu, u b'mod aktar specifiku, jekk hu baqax passiv ghad-dilungar fil-proceduri, jew jekk kienx addirittura r-raguni principali ghad-dewmien jew ikkontribbwixxa ghall-istess. Ghandha wkoll tigi ezaminata ttmexxija tal-proceduri da parti tal-awtorita`gudikanti, u cioe` l-isforzi taghha sabiex fic-cirkostanzi tal-kaz il-Qorti tmexxi l-proceduri bid-diligenza mehtiega bil-ghan li twassalhom ghall-konkluzjoni minghar dewmien indebitu. F'dan ir-**

[1]Prim'Awla sede Kostituzzjonali – Nicolas Farrugia vs Avukat Generali deciz 27/03/2003

**rigward gie ritenut ukoll li "..article 6[1] imposes on the Contracting States the duty to organize their judicial systems in such a way that their courts can meet each of its requirements, including the obligation to hear cases within a reasonable time"[2]**

Il-Prim Imhallef Emeritus Vincent Degaetano fid-decizjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Gafa vs Malta** deciza fit-22 ta' Mejju 2018 irrimarka:

> 3. Now, it is true that before this Court the applicant did not complain under Article 6 § 1 of the Convention that he was not tried within a reasonable time, even though a period of four years and six months for one level of jurisdiction is *prima facie* problematic (see, for example, *Temeşan v. Romania*, no. 36293/02, §§ 53-58, 10 June 2008; for civil proceedings, *Kédiszentkereszti Bíró v. Hungary*, no. 236/12, §§ 11 to 13, 18 October 2016).

***XHIEDA***

F'dan il-process xehdu disgha u ghoxrin (29) xhud kif gej:

Spettur Fabian Fleri (*a fol* 29 et. seq.); Omar Pisani (*a fol* 45 et. seq.); Maria Tereza Lia (*a fol* 65 et. seq.); Anthony Lia (*a fol* 73 et. seq.); PC1603 Mario Muscat (*a fol* 108 et. seq.); PS91 Michael Buttigieg (*a fol* 129 et. seq.); Spettur Keith Arnaud (*a fol* 132 et. seq.); Clifton Carl Barbara (*a fol* 172 et. seq.); Clifton Carl Barbara (*a fol* 179 et. seq.); Graziella Lia (*a fol* 208 et.

[2] App.Kost - Omar Osman Omar u Anwar Otman Hasan vs Avukat Generali deciza 06/02/2015

seq.); John Sacco (*a fol* 295 et. seq.); PS186 Kristian Mintoff (*a fol* 297 et. seq.); PS964 Robert Scicluna (*a fol* 299 et. seq.); Spettur Keith Arnaud (*a fol* 301 et. seq.); John Sacco (*a fol* 318 et. seq.); ex PS 5165 Alfio Borg (*a fol* 323 et. seq.); PC572 Antoine D'Amato (*a fol* 325 et. seq.); WPC218 Monica Polidano (*a fol* 327 et. seq.); Muriel Micallef (*a fol* 329 et. seq.); PS 435 David D'Amato (*a fol* 332 et. seq.); Frederick Grixti (*a fol* 336 et. seq.); PS9 Chris Abela; Stephen Cachia (*a fol* 354 et. seq.); Spettur Josric Mifsud (*a fol* 359 et. seq.); PS435 David D'Amato (*a fol* 361 et. seq.); Joseph Mallia (*a fol* 371 et. seq.); Frederick Grixti (*a fol* 373 et. seq.); Joe Mallia (*a fol* 388 et. seq.); Gordon Manche (*a fol* 415 et. seq.); Noel Cassar (*a fol* 417 et. seq.).

**Il-fatti dwar il-kaz**

Illi din il-kawza tittratta fuq allegat serqa fir-residenza ta' koppja anzjana go Triq Wied il-Ghajn, Zabbar liema serqa saret minghajr ebda tip ta' sgass u meta l-koppja kienet il-quddies u dan nhar is-sitta (6) ta' Settembru elfejn u disa' (2009) ghall-habta tat-tmienja neqsin kwart ta' filghodu (7.45 a.m.).

Illi l-bazi ta' dawn il-proceduri kienet ix-xhieda ta' certu Omar Pisani li qed jghid illi huwa gie avvicinat mill-imputat Freddie Delia sabiex jaghtih cavetta tad-dar tad-derubati u dan minhabba l-fatt illi Pisani kien dak iz-zmien johrog mat-tifla tal-istess koppja derubata. Dan allegatament qallu illi s-serqa kienet ser tkun wahda kwieta. Illi Pisani jghid ukoll illi kien iltaqa' ma' Delia sabiex jaghtih ic-cavetta u hemmhekk kien hemm ukoll l-imputat l-iehor Christopher Scerri li kien prezenti waqt din il-konversazzjoni.

Il-prosekuzzjoni esebiet provi cirkostanzjali ohra in sostenn tal-kaz taghhom.

**<u>Apprezzament tax-xhieda</u>**[3]

L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll u, a maggior ragione, dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwasluh għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid kif ukoll fil- gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta u s-setgħa li tidħol fil- profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu u qalbu.

Mill-banda l-oħra l-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Ċjoe li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha.

[3] Ara spjega dettaljata tal-Imhallef Aaaron Bugeja fl-Appell Kriminali numru 237/2017 Il-**Pulizija vs Massimo Bonello** deciz 6 ta' Frar 2020

Għax altrimenti, din it-tip t'evidenza tista' tiżvijja lil Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita.

Il-Liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-suffiċjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali imnisla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

Dawn il-provi pero' jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli stabbiliti tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-***Law of Evidence***. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, in kwantu f'din l- eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat.

Iżda jekk mill-banda l-oħra Qorti tkun teħtieġ prova teknika jew xjentifika u għalhekk tkun teħtieġ ħila jew sengħa speċjali, tkun teħtieġ li tiġi magħmula perizja minn persuni kwalifikati fil-qasam partikolari li tkun tolqot dik il-prova. Fis-sistema penali Malti, mhux ammess li tiġi prodotta xiehda esperta ex parte. Il-periti nominati mill-Qorti, jitħarku bħal xiehda oħra, u huma mistennija li fl-aħħar tal-perizja tagħhom jipproduċu

rapport, bil-fomm jew bil-miktub, lill-Qorti li tkun ħatrithom. Dawn ix-xiehda esperti jistgħu jixhdu dwar il-fatti u ċirkostanzi mistħarġa minnhom u li fuqhom ikunu bażaw ir-rapport tagħhom. Konsegwentement, a differenza ta' xiehda oħra, jistgħu jesprimu opinjoni fuq il-materja teknika li għaliha huma jkunu ġew maħtura. Fil-qadi ta' din il-mansjoni, dawn ix-xiehda jridu jaħilfu r-rapport tagħhom u meta jixhdu huma jagħmlu dan bil-ġurament.

Fattur ieħor importanti msemmi fil-Liġi Maltija huwa li meta dawn il-periti, matul ix-xogħol tagħhom ikunu ħadu informazzjoni mingħand persuni oħra fuq ċirkostanzi ta' fatt, dawn il-persuni għandhom jissemmew fir-rapport u jridu jiġi mismugħin fil-Qorti bħal kull xhud ieħor – dment pero li l-perit ma jkunx semgħa lil dawn ix-xiehda hu stess u bil-ġurament skont dak imsemmi fl- artikoli 650(5) tal-Kodiċi Kriminali. Eċċezzjonalment pero', jekk il- Qorti tħoss il-ħtieġa li dawn ix-xiehda jinstemgħu xorta waħda tista' tordna li jinstemgħu quddiemha. Dan jista' jiġri wkoll fuq talba tal- imputat.

Imbagħad, dik il-Qorti wara li tkun għarblet kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, biex tkun tista' ssib ħtija fl-imputat, il-Qorti tkun trid tkun żgura moralment, *sure* bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[4] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall-provi ammissibbli li jitresqu quddiemha.

[4] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

Il-grad ta' suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Fil-każ Ingliż Majid,[5] Lord Moses stqarr hekk :

> *Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.*

Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[6] jgħidu s-segwenti :

> *In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.*

---

[5] ibid.
[6] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

Sabiex tara jekk dan il-livell ta' suffiċjenza probatorja intlaħaqx din il-Qorti trid, inter alia, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is- sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati.

Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bbażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l- argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal- akkużi miġjuba kontrih.

Biss, kif intqal aktar il-fuq, hija l-Liġi stess li, qabel xejn, tafda dan l-eżerċizzju f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati, u dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija setgħet tara u tisma' lix- xiehda jixhdu quddiemha, inkluż setgħet tara u tisma' lill-imputat jixhed. Dan l-eżerċizzju ta' analiżi tax-xiehda tax-xhieda huwa mħolli prinċipalment f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati li tkun rat u semgħet dawn ix-xiehda quddiemha u għalhekk l-eżerċizzju tal-analiżi u apprezzament tal-provi

mill-Qorti tal-Maġistrati stess huwa eżerċizzju importanzi ħafna u ghandu jinghata l-piż li jixraqlu.

Kemm dan l-eżerċizzju tal-Qorti tal-Maġistrati huwa meħtieġ, joħroġ ukoll mill-ġurisprudenza Maltija, bħal fil-kawża Il-**Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal- Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Lanqas hu traskurabili l-fatt li l-ewwel Qorti kienet impressjonata bil-mod serju u sod li bih xehdet din Consiglia kif hemm rikordat fis-sentenza stess. Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara **Powell, On Evidence**, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "*great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived*" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "*he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination*". Ghalhekk, kontra l-imputat hemm oltre dak ti sejjer jinghad, dawn iż-żewġ xhidiet li ma gewx bl-ebda mod żvalorizzati, u li jassodaw pjenament l-imputazzjoni.

**<u>Il-Prova Cirkustanzjali</u>**

Kif kellha l-opportunita din il-Qorti tesprimi kemm -il darba l-piz tal-prova jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni. Hija l-Prosekuzzjoni li trid iggib l-

ahjar prova – precizament prova lil hinn minn kull dubju dettat bir-raguni – sabiex l-istess Prosekuzzjoni issostni u tirnexxi fil-kaz taghha. L-imputat m'huwa tenut jipprova xejn.

Hafna drabi ma jkunx possibbli li jingabu provi diretti tal-akkadut. In-nuqqas ta' tali provi pero m'ghandux necessarjament iwassal ghal liberatorja tal-imputat. Il-Qorti xorta tista' tistrieh fuq provi li jkunu cirkustanzjali ghall-sejbien ta' htija basta li l-istess provi cirkustanzjali jkunu jippuntaw lejn konkluzjoni wahda.

Lord Hewart C.J. fil-kaz **Taylor, Weaver and Donovan** jiddefinixxi l-provi cirkustanzjali bhala: *"evidence of surrounding circumstances which, by undesigned coincidence, is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*[7] Hafna drabi l-provi cirkustanzjali jkunu l-ahjar prova li wiehed jista' jottjeni ghaliex il-kriminal li jkun irid iwettaq delitt se jara biex kemm jista' jkun jevita li jkun hemm provi diretti u cari tal-agir tieghu. Ghalhekk kif jghid l-istess Lord Hewart fil-kaz sucitat *"It is no derogation of evidence to say that it is circumstantial."*

Huwa *sina qua non* (u dan tenut kont wkoll tan-natura ta' tali prova) li tali prova cirkustanzjali trid tigi ezaminata u miflija bir-reqqa biex wiehed ikun jista' jistrieh fuqha ghal sejbien ta' htija. Kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deciza fil-5 ta' Lulju 2002

[7] 21, Cr. App.R.20, CCA at 21

*"Il-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzjoni wahda . . . . biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit tal-univocita taghha, cioe li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu, w, allura kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skont il-ligi."*

Huwa ghalhekk li Lord Normand fil-kaz **<u>Teper v. R</u>** jikkumenta b'rabta mal-prova cirkustanzjali li: *"It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another . . . . It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*[8]

**Ikkunsidrat;**

Illi l-kwistjoni li ghandha din il-Qorti hi jekk fil-fatt ghandiex bizzejjed provi sabiex tkun moralment u legalment sodisfatta oltre' d-dubju ragjonevoli bil-kolpevolezza tal-imputat u jekk hemmx provi cirkostanzjali bizzejjed sabiex issib htija u dan bix-xhieda ta' Omar Pisani li id-difiza ssostni li ma tistax tkun meqjusa bhala xhieda affidabbli ghall-mod ta' kif xehed.

[8] [1952] A.C. 480, PC at 489

Illi m'hemmx dubju illi fuq kollox jiddependi fuq il-kredibilita' tax-xhud Omar Pisani li minghajr ix-xhieda tieghu l-provi cirkostanzjali ma jkollhom l-ebda valur probatorju u dan ghalhekk il-Qorti ghandha tqis l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

1. Mill-atti processwali jirrizulta li min dahal ma sgassa l-ebda bieb u minn hemm ittiehdu s-somma ta' ghaxart elef disa' mija u erbgha u hamsin ewro (€10,954) fi flus kontanti u gojjellerija li kienu jammontaw ghall-erbat elef ewro (€4,000). Il-pulizija gabu aktar informazzjoni wara telefonata annonima minn persuna maskili li tali serqa saret minn zewg persuni maskili b'vettura tal-marka Mitsubishi Pajero.

2. Illi rrizulta li minn investigazzjoni ulterjuri u wara li nfethet inkjesta magisterjali, il-pulizija setghu jikkonfermaw dan permezz ta' filmat ta' hanut li juri din il-karozza Pajero tal-kulur griz car li minnha johorgu zewgt irgiel fis-sebgha neqsin ghaxra ta' filghodu (6.50 a.m.) daru l-kantuniera fejn tinsab id-dar tad-derubati u jidhru jigu lura ghas-sebgha u ghaxra ta' filghodu (7.10 a.m.) bi xkora qisha investa mimlija u minn hemmhekk jidhru jidhlu fil-karozza u jitilqu `l hemm. Illi din il-karozza rrizultat li kienet tappartjeni lil certu Diane Scerri li kienet il-mara tal-imputat Christopher Scerri li kien maghruf sew mal-pulizija. Dan gie arrestat ftit wara u dan wara

tfittxija li saret f'residenza fil-Gzira ta' Muriel Micallef fejn ta' spiss kien jorqod hemmhekk kif gie kkonfermat mill-istess Micallef. Minn din ir-residenza gie elevat flokk ahdar simili hafna ta' dak milbus minn wiehed mill-malviventi fil-filmat elevat u dan gie kkonfermat minn Muriel Micallef li kien jappartjeni lill-imputat Christopher Scerri.

3. Illi sussegwentement u wara li gie mitkellem Omar Pisani fuq talba tal-familja derubata, huwa kkonferma li c-cavetta kien taha hu lil Freddie Delia wara insistenza minn naha tieghu peress li Pisani kellu abbuz tad-droga u kien ta' sikwit jixtri d-droga minghandu, waqa' ghal din il-pressjoni u taghhielu. Huwa jghid illi meta ta c-cavetta lil Delia, mieghu kien hemm Christopher Scerri li gie introdott lilu bhala persuna tajba fil-mestjier tas-serq u wara li dawn ghamlu kopja tac-cavetta, regghu tawhielu.

4. Ix-xhieda ta' Omar Pisani quddiem il-Qorti nghatat fit-tnejn (2) ta' Settembru elfejn u ghaxra (2010) fejn ikkonferma l-istqarrija tieghu lill-pulizija u wara li l-kawza ta' kontrih fuq dan il-kaz kienet ghaddiet in gudikat. Il-Qorti ma tara xejn suspettuz li Pisani kellu diffikulta' sabiex jitkellem ghaliex hija xi haga normali li kellu din id-diffikulta' u jghid kollox quddiem l-imputati. Illi ulterjorment, l-indizzji kollha gew ikkonfermati ma' dak li ntqal minnu inizzjalment u din il-Qorti m'ghandhiex ghalxiex tiddubita mix-xhieda tieghu. Inoltre' mill-kontro-ezami min-naha tad-difiza ma hareg xejn mill-karattru jew antecedenti tieghu li tali xhud m'ghandux jitqies bhala affidabbli.

5. Illi stabbilit dan hareg car mill-provi cirkostanzjali illi huwa evidenti li l-karozza tal-imputat Scerri kienet kantuniera `l boghod fil-hin tal-allegat reat. Illi minnha hargu zewg persuni maskili li ma kinux rikonoxxibbli izda li wiehed kien liebes flokk ahdar li wiehed bhalu nstab ghand il-mahbuba tal-istess Christopher Scerri u li gie kkonfermat li dak kien fil-fatt tieghu. Illi gie stabbilit ukoll illi dawn iz-zewg persuni jidhru gejjin lura ghoxrin (20) minuta wara b'barzakka forma ta' nvesta mimlija b'xi haga.

6. Illi jirrizulta wkoll illi dan iz-zmien limitat jikkonforma ma' dak li kien qal Pisani li huma ma kellhomx bzonn jisgassaw ghaliex kellhom ic-cavetta u possibiliment kienu jafu fejn kien kollox u ghalhekk ma kellhomx bzonn idumu hafna.

7. Illi jirrizulta wkoll illi dan il-hin jinkwadra (ghalkemm mhux bi precizjoni) ma' dak li qalet ix-xhud Maria Tereza Lia li hija telqet mid-dar f'xi s-sebgha neqsin kwart ta' filghodu (6.45 a.m.) biex tmur il-quddies u ma rritornatx lura qabel it-tmienja ta' filghodu (8.00 a.m.).

Illi tenut kont ta' dawn il-provi kollha m'hemmx dubju illi l-imputati kkommettew dan is-serqa u l-imputat Scerri se jigi kkundannat ghaliha.

**Konsiderazzjonijiet dwar piena**

Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bhala:

> ***(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence***

Illi allura min hu msejjah biex jiggudika ma ghandux ihares biss l-interessi tal-persuna kkundannata izda ghandu jara illi jhares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u s-socjeta in generali billi jaghti dik il-piena li ghandha isservi bhala kastig ghal min jikkometti r-reat, li tara li twassal ghat-tnaqqis tal-kummissjoni ta' reati ohra, li tista' twassal ghar-rijabilitazzjoni u r-riforma tal-hati, li taghti il-harsien mehtiega lil pubbliku u li l-hati jaghmel reparazzjoni ghal hazin li jkun ghamel.

Jinghad ukoll li:

> *l-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta'*

*persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[9]

**<u>Ksur Liberta Kundizzjonata b'sentenza moghtija 16 ta' Novembru 2007</u>**

L-Artikolu 22(1) jistabilixxi tal-Kap. 446 li:

*"***22.** *(1) Meta qorti li fiha persuna tiġi dikjarata ħatja ta' reat (li ma jkunx reat punibbli biss b'multa jew ammenda) u li ma jkunx reat li minbarra żjieda fil-piena minħabba fit-tkomplija jew dikjarazzjonijiet preċedenti ta' ħtija, ikun punibbli bi priġunerija għal żmien iktar minn seba' snin) jkollha l-fehma li, fil-qies taċċirkostanzi tal-każ, inkluża x-xorta tar-reat u l-karattru tal-ħati, ma jkunx spedjenti li twaħħal piena u dik l-ordni ta' probation, ordni ta' servizz fil-komunità jew ordni ta' probation u servizz ma jkunux adatti, l-qorti tista' tagħmel ordni li biha tillibera lill-ħati għalkollox, jew, jekk il-qorti tkun hekk taħsibha, billi tillibera lill-ħati bla ħsara għall-kondizzjoni li ma jagħmel ebda reat matul dak il-perjodu, li ma jkunx iżjed minn tliet snin mid-data tal-ordni, skont ma jiġi speċifikat fl-istess ordni. Id-disposizzjonijiet talproviso li hemm mal-artikolu 7(2) għandhom mutatis mutandis japplikaw għal dan is-subartikolu.*

[9] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

L-Ordni ta' Liberta kundizzjonata kienet giet moghtija miil-Qorti ppreseduta mill-Magistrat Audrey Demicoli b'sentenza datata fis-(16) ta' Novembru 2007 u kienet giet moghtija ghall-perijodu ta' tlett (3) snin minn dik is-sentenza. Il-Prosekuzzjoni esebiet kopja tas-sentenza moghtija fil-konfront ta' Christopher Scerri kif wkoll ikkonfermat li r-riferenza ghal Scerri f'dik is-sentenza kienet ghall-istess Christopher Scerri li huwa imputat f'din il-kawza.

Wahda mill-kundizzjonijiet tal-Ordni tal-Liberta Kondizzjonata li kienet giet imposta kienet li l-hati ma jaghmilx reat iehor. Bis-sejbien ta' htija fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni l-imputat ghalhekk gie li kiser wahda mill-kundizzjonijiet tal-ordni tal-liberta kkondizzjonata li giet moghtija lilu u dan fiz-zmien meta l-ordni kienet ghadha effettiva. Ghalhekk din l-imputazzjoni tirrizulta wkoll pruvata.

Il-Qorti wara li rat Artikolu 23(1)(4) tal-Kap 446 ikkunsidrat il-fatt li l-imputat kiser l-ordni sejjer iwassal biex din il-Qorti timxi mal-imputat bhal li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati issa minn din il-Qorti tal-imputazzjonijiet li kienu jikkoncernaw il-kawza tas-16 ta' Novembru 2007. Dakinhar il-Qorti sabitu hati ta' serqa li kienet aggravata bil-mezz, valur tal-haga misruq u bil-lok ai termini ta' l-artikoli 261(b)(c)u (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fejn tidhol il-piena applikabbli ghar-reat tas-serq ikkwalifikat bil-mezz trid issir riferenza ghall-artikolu 278 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jistabilixxi li:

> *"(1) Il-ħati ta' serq ikkwalifikat bil-"mezz" biss, jeħel il- piena ta' priġunerija għal żmien minn ħames xhur sa tliet snin.*
>
> *(2) Jekk is-serq, barra milli bil-kwalifika tal-"mezz", ikun akkumpanjat ukoll b'waħda mill-kwalifiki l-oħra, iżda mhux dik tal-"vjolenza", il-piena fuq imsemmija ma tingħatax fil-minimum tagħha.*
>
> ***(3) Jekk is-serq, barra milli bil-kwalifika tal-"mezz", ikun akkumpanjat ukoll bi tnejn jew iżjed mill-kwalifiki l-oħra, iżda mhux b'dik tal-"vjolenza", il-piena fuq imsemmija tiżdied bi grad u ma tingħatax fil-minimum tagħha."***

Fil-kaz odjern ghalhekk ghall-fini ta' imposizzjoni ta' piena japplika s-sub-inciz tlieta (3) ta' dan l-artikolu.

Rigward it-tieni imputazzjoni kontra tieghu din ghandha titqies kompriza u nvoluta fl-ewwel imputazzjoni ta' serq aggravat bil-mezz.

Għal kull buon fini tikkonfermah ħati fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet tħassar l-ordni ta' liberta kundizzjonata magħmula bis-sentenza mogħtija mill-Qorti nhar is-16 ta' Novembru 2007 u wara li rat l-Artikoli 261(b)(c)(e), 263, 264, 265, 266, 267, 279(b), 280, 281u 325 tal-

Kodiċi Kriminali u  tikkundanna lill-imsemmi Christopher Scerri għall-piena ta' **sentejn (2)  priġunerija.**

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l- Artikoli 28A, 49, 50, 261(b)(c)(e), 263, 264(1), 265, 267, 269(b), 278(2)(3), 279(b), 280(1)(2), 281, 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda issib lill-imputat Christopher Scerri hati tal-imputazzjonijiet kollha li gew addebitati fil-konfront tieghu u qieghda:

(a) In kwantu għal kaz li wassal ghal dawn il-proceduri tikkundannah ghal **sentejn (2) prigunerija**[10];

(b) In kwantu ghall-fatt li kkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt il-perijodu operattiv ta' sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' snin hekk kif moghtija lilu mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D., nhar il-14 ta' Novembru 2007,  liema sentenza hija assoluta u ma' tistax tinbidel, l-Qorti qeghda iddahhal l-ordni fis-sehh u tikkundannah **sentejn (2) prigunerija**;

(c) In kwantu ghall-fatt li kkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt il-perijodu operattiv ta' sena (1) prigunerija sospiza ghal sentejn hekk kif moghtija lilu mill-Magistrat Dr. Michael Mallia LL.D., nhar il-14 ta' Jannar 2008,  liema sentenza hija assoluta u ma' tistax

[10] U dan minhabba dewmien li kien hemm biex ikun deciz il-kaz ghaliex li kieku l-imputat kien sentenzjat qrib hafna meta sehh il-kaz il-piena kienet tkun ferm aktar gholja ghaliex l-anzjani ghandhom ikunu protetti u mharsa ghaliex mhux sewwa jkollhom jissakru go djarhom fil-biza ghaliex jekk imorru jisimu l-quddies ikun hemm xi had lest jidhlihom f'darhom u jisraqhom.

tinbidel, l-Qorti qeghda iddahhal l-ordni fis-sehh u tikkundannah **sena (1) prigunerija**;

(d) Tħassar l-ordni ta' liberta kundizzjonata magħmula bis-sentenza mogħtija mill-Qorti nhar is-16 ta' Novembru 2007 u wara li rat l-Artikoli 261(b)(c)(e), 263, 264, 265, 266, 267, 279(b), 280, 281u 325 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lill-imsemmi Christopher Scerri għall-piena ta' **sentejn (2) priġunerija;**

B'kollox ghal **seba' (7) snin prigunerija effettiva**.

*Inoltre,* wara li rat artikou 533 tal-Kap 9 l-Qorti tikkundanna lill-imputat ihallas elf u tmienja u ghoxrin ewro u tliet centezmi (€1,028.03)[11] marbuta mall-hatra esperti fi spejjez peritali.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

Margaret De Battista
Deputat Registratur

[11] PS964 Robert Scicluna (Scene of the Crime Officer) €35.51, PS516 Alfio Borg (Scene of the Crime Officer) €103.53, PS186 Kristian Mintoff (Scene of the Crime Officer) €65.74, John Sacco €336.98, Joe Mallia €486.27 - Total: €1,028.03